IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.9.2017
SWD(2017) 317 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (Riformulazzjoni)

{COM(2017) 548 final}
{SWD(2017) 318 final}

Skeda tas-sommarju eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt: reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferrovija

A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u għalfejn hi problema fil-livell tal-UE?

Il-problemi ewlenin tar-Regolament għandhom x'jaqsmu ma' eżenzjonijiet nazzjonali żejda, id-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa (PRMs), in-nuqqas ta' informazzjoni xierqa, il-bejgħ tal-biljetti globali, it-trattament tal-ilmenti, l-infurzar, id-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u l-kumpens wara avvenimenti ta' forza maġġuri. Dawn il-problemi jolqtu ħażin lis-suq uniku u jxekklu l-infurzar konsistenti. F'suq ferrovjarju tal-UE liberalizzat, dawn jaf ikomplu jiggravaw.

X'jenħtieġ jinkiseb?

1. Jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji fl-UE, u jiġu promossi drittijiet indaqs, u
2. Titjieb il-kompetittività tas-settur ferrovjarju mingħajr ma jintlaqtu ħażin id-drittijiet tal-passiġġieri.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?

Ir-Regolament attwali jħalli lok għall-interpretazzjoni u jevita milli jinżammu livelli konsistenti ta' protezzjoni għall-passiġġieri fl-UE kollha. L-Istati Membri ma jistgħux jindirizzaw dawn il-problemi waħedhom. Għalhekk jixraq li l-Unjoni Ewropea taġixxi.

B. Is-soluzzjonijiet

X'inhuma l-alternattivi biex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm xi alternattiva ppreferuta? Jekk le, għaliex?

L-eżenzjonijiet	Jitneħħew l-eżenzjonijiet għas-servizzi domestiċi ta' distanzi twal sal-2020, Isir limitu fuq l-eżenzjonijiet għas-servizzi ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE, Jitneħħew l-eżenzjonijiet għas-servizzi transfruntieri urbani, suburbani u reġjonali.
Id-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa	Isiru regoli ġodda biex jitjieb l-aċċess tal-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa għas-servizzi ferrovjarji u għall-informazzjoni.
L-informazzjoni	Isiru regoli ġodda biex titjieb l-informazzjoni għall-passiġġieri.
Il-bejgħ tal-biljetti globali	Isiru regoli aktar ċari dwar il-bejgħ tal-biljetti globali.
It-trattament tal-ilmenti u l-infurzar	Isiru regoli aktar ċari għall-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar b'rabta mat-trattament tal-ilmenti u l-koperazzjoni.
Id-diskriminazzjoni	Tinħoloq klawżola ġdida dwar in-nondiskriminazzjoni.
Il-forza maġġuri	Tinħoloq klawżola li teżenta lill-kumpaniji ferrovjarji milli jkollhom iħallsu kumpens għal dewmien minħabba kundizzjonijiet tat-temp severi jew diżastri naturali u li ma setgħux jiġu mbassra jew evitati.

X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet konċernati differenti? Min jappoġġa liema alternattiva?

Ħafna mill-Istati Membri u l-kumpaniji ferrovjarji qed ikaxkru saqajhom biex ineħħu l-eżenzjonijiet. Iċ-ċittadini jaqblu li jonqsu l-eżenzjonijiet u l-miżuri ta' appoġġ ħalli jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri. Ħafna mill-partijiet konċernati jaqblu ma' regoli aktar ċari, fosthom dwar l-assistenza, it-trattament tal-ilmenti u l-infurzar. Ħafna mill-kumpaniji ferrovjarji u mill-Istati Membri jaqblu ma' klawżola dwar il-forza maġġuri, iżda ċ-ċittadini huma kontriha.

C. L-impatti tal-alternattiva ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
It-taħlita tal-alternattivi ppreferuti tagħti approċċ bilanċjat għall-għanijiet ta' politika li jaf ikunu kunfliġġenti. Jekk jonqsu l-eżenzjonijiet, se jiżdiedu l-protezzjoni tal-passiġġieri u ċ-ċertezza legali. Jekk jitjiebu d-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, dawn jagħmlu l-qalb biex jivvjaġġaw bil-ferroviji u b'hekk ikunu jistgħu jippromwovu l-inklużjoni soċjali tagħhom stess. Jekk ir-regoli dwar il-bejgħ tal-biljetti globali jkunu aktar ċari, jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġier fejn jidħlu s-servizzi ta' konnessjoni. Klawżola dwar il-forza maġġuri tiżgura l-ġustizzja u l-proporzjonalità legali.
X'inhuma l-ispejjeż tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-ispejjeż tal-kumpaniji ferrovjarji mistennija jiżdiedu b'4.98 % mix-xenarju bażi tul perjodu ta' 15-il sena.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Fuq l-intrapriżi żgħar u medji huma mistennija biss ftit effetti indiretti.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Mistennija biss xi impatti żgħar għax se jitjiebu t-trattament tal-ilmenti u l-infurzar min-naħa tal-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar (l-NEBs).
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?
Mhu mistenni l-ebda impatt addizzjonali.
Il-proporzjonalità?
L-applikazzjoni diverġenti tar-regoli qed ixxekkel lis-suq uniku u qed iżżomm lid-drittijiet tal-passiġġieri fl-UE kollha milli jiksbu livelli armonizzati. Il-linji gwida ma tawx riżultati biżżejjed.
D. Is-Segwitu
Meta se jsir rieżami tal-politika?
Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid, il-Kummissjoni se tevalwa l-applikazzjoni tiegħu.